**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 62**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2023 permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Daniel Ablett – Kunsillier
Ralph Puli - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba raġunijiet ta' xogħol l-Kunsilliera Abigail Sammut talbet li tkun skużata.

61.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi nfurma lill-membri li nbeda x-xogħol fuq it-tibdil tal-fanali ta' Ġnien de la Cruz. Is-Sindku nfurma wkoll li fl-aħħar wasal il-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-ġnien, fejn l-Awtorita' tal-Artijiet se tkun qed iżomm il-parti t'isfel tal-ġnien, fejn hemm is-siġar taz-zebbuġ.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** staqsa x'se jkun qed jiġri mill-gabbana tal-ġnien. **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li hemm persuna nteressata li tikriha.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li fix-xhur li ġejjin se tinħareġ espressjoni ta' nteress għal kiri tal-gabbana u kull mhu nteressat jista' jitfa l-offerta tiegħu.

62.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li bħalma jaf kulħadd, il-festa ta' San Ġorġ għaddiet b'wiċċ il-ġid u issa Ħal Qormi jinsab fuq l-għatba tat-tieni festa Qormija u jittama li kollox imur tajjeb.

62.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li fl-okkazjoni tal-Europride 2023 se jkun qed isir karru mid-dilettanti tal-karnival Qriema, liema karru se jiġi jiswa madwar € 1500. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

62.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li fl-okkazjoni tal-festi titulari tal-lokalita', l-Kunsill se jkun qed jiffinanzja attività fil-Qormi Day Centre. Din l-attivita' se tinżamm nhar il-Ġimgħa 7 ta' Lulju.

62.5 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li se ssir Ġita għal Sqallija fl-14 ta' Settembru. Il-Kunsillier Daniel Ablett staqsa jekk il-Kunsill għandux iħallas l-ispiza ta' dawk il-kunsilliera li se jkunu qed jattendu għal din il-ġita. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li dawk il-membri li se jattendu huma mitluba jħallsu bħar-residenti.

62.6 **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona li jsir Traffic Management adegwat fiz-zona tas-soft area ta' Triq in-Naħal, għaliex hemm anomalija. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li qed tistenna direzzjoni minn Transport Malta dwar dik iz-zona.

62.7 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma' d-diffikultajiet li qed jiġu kkawżati bir-rimi tal-iskart minn bosta residenti. Ġie propost li tintalab laqgħa mas-Sur Claudio Tonna u John Galea ta' LESA sabiex niddiskutu l-possibilta' ta' aktar infurzar.

**62.3 Festa San Sebastjan 2023**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bħalma sar matul il-ġimgħa tal-festa ta' San Ġorġ, il-Kunsill se jkun qed jagħti s-servizzi kollha meħtieġa relatati maz-zamma tat-tindif. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill se jkun qed jerġa' jagħmel tajjeb għall-ispiza relatata mal-ġbir tal-iskart extra, matul il-ġimgħa kollha.

**62.4 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Ezekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2023.

Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa dwar il-pagament dovut lil INECTIO. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat, li kif kien approva l-Kunsill, bħalissa qed tinħadem sistema ġdida tal-ilmenti, liema sistema hija emalgamata mas-sistema tal-bulky refuse.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa dwar il-copyright tas-sistema, jekk hux se tkun tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi jew jekk id-developer għandux dritt ibigħ l-istess sistema lill-Kunsilli Lokali oħra.

Il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-ispejjez relatati ma' dan is-servizz qabżu l-ammont tal-quotation u talab li l-Kunsill jieħu parir legali jekk hux konformi jew le.

Il-Kunsilier Marvin Zammit staqsa dwar il-pagament, 'Car Rental Damages, li jammonta għal € 212. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tkun qed taghti d-dettalji ta' din l-ispiza fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**62.5 Korrispondenza**

62.5.1 **Is-Segretarju Ezekuttiv** poġġiet fuq il-mejda proposal għal spazji miftuħa mressqa mir-resident żagħżugħ Eman Farrugia. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li dawn huma ideat tajbin, li l-Kunsill iddiskuta bosta drabi.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet li ssir manutenzjoni tan-notice boards li għandna fil-lokalita'.

**Il-Kunsillier George Muscat** ġibed l-attenzjoni dwar container li qed jopera bħala gabbana fi Triq il-Wied. Is-Sindku nfurma li se jkunu qed isiru r-rapporti lill-awtoritajiet kompetenti.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 1 ta' Awissu 2023 fis-6.00p.m.

Konfermati, illum, 10 ta' Awwissu 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |